MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2003

Avviz Numru. 537/2002

**Sonlit Limited**

**vs**

**Prova Limited**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, mitejn u tlettax-il lira Maltin u erba' centezmi (Lm3,213.04) dovuta mis-socjeta' konvenuta bhala bilanc ta' prezz ta' bejgh u nstallazzjoni ta' equipment ta' effetti ta' dawl ghall-hanut "Insomnia" ta' Triq San Gorg, Paceville.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' Awissu, 2002, u l-imghax legali, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fis-26 ta' Gunju, 2003, meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------